# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April 2001**

**Numru 116**

**Citaz. numru: 362/98 NA**

**George Cassar**

**vs**

**Carmel sive Charles Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Dan ir-rikors huwa korrettement maghmul a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-titolu ezekuttiv li qed tintalab l-ezekuzzjoni tieghu hija sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Frar, 1993 (Citazzjoni Numru 995/91 AD).

Ukoll f'din il-kawza b'nota tal-15 ta' Marzu 1999 l-intimat ighid illi l-ammont mhuwiex dovut ghaliex saru diversi pagamenti kif kien miftiehem.

Jinghad illi din il-kawza hija intrinsikament konnessa mal-kawzi l-ohra fuq il-lista tallum Citazzjoni Numri 361/98 u 363/98 li wkoll sejrin jigu decizi llum.

Din il-Qorti taghmel pjena riferenza ghall-kawza Citazzjoni Numru 361/98 u ghall-motivazzjonijiet hemm moghtija u wara li rat l-atti processwali kollha u partikolarment in-nota ta' l-attur/rikorrent tat-2 ta' Jannar 2001 tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tlett elf hames mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezimu u zewg millezimi (Lm3527.73,2) [Lm3975.57,6 - Lm448.84,4] oltre l-ispejjez tal-kawza Citazzjoni Numru 995/91 AD deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar 1993 u oltre l-imghax legali minn dik id-data u tawtorizza l-ezekuzzjoni ta'

l-istess sentenza bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess intimat.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.